MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1900/2002

**Charles Camilleri**

**Vs**

**Mary Lupo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm312.44), danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Awissu 2000 f'Hope Street, Mosta waqt li l-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni BBB 612 u l-attur kien qieghed isuq vettura tal-marka Ford Escort bin-numru GAL 746.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontestat it-talba ta' l-attur.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) Fis-7 ta’ Awissu 2000 sehh incident tat-traffiku f’Hope Street, Mosta.

(b) L-incident sehh fuq il-pont fejn hemm il-kappella ta’ l-Isperanza, Mosta.

(c) L-attur kien qieghed isuq il-vettura bin-numru GAL746 mid-direzzjoni ta’ Constitution Street, Mosta.

(d) Il-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru BBB 612 sejra fid-direzzjoni ta’ Constitution Street, Mosta. Minn fejn kienet gejja l-konvenuta, il-post fejn sehh l-impatt kien fil-bidu tal-pont.

2. It-Tribunal kellu l-opportunita li jmur fuq il-post ta’ l-incident u josserva l-konfigurazzjoni tat-triq kif ukoll it-traffiku li jghaddi minn fuq il-pont miz-zewg direzzjonijiet. Irid jinghad li l-pont m’huwiex wiesgha u zewg vetturi bil-kemm ighaddu minn hdejn xulxin. Min-naha l-ohra huwa veru li t-tendenza tas-sewwieqa tal-vetturi li jkunu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni ta’ Constitution Street (igifieri bhal vettura tal-konvenuta) hija li jesporgu l-barra meta jigu biex jaqbdu l-pont. Ma jfissirx pero li din it-tip ta’ manuvra hija wahda regolari. Inoltre, ghalkemm huwa minnu li fuq in-naha tax-xellug tat-triq minn fejn kienet gejja l-konvenuta hemm it-trab fl-art, dan m’huwiex ostakolu biex is-sewwieqa jzommu fil-karreggjata taghhom u ma jinvadux dik tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Il-konvenuta xehdet: *“Jiena z-zona nafha fejn sehh l-incident, u niehu l-prekawzjoni minn qabel”*. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta ma ghamlet xejn minn dan u l-prekawzjoni li kellha tiehu kienet li zzomm max-xellug. Il-fatt li kif il-konvenuta rat il-vettura ta’ l-attur hija waqfet ta

lok li l-attur ma seta' jiehu l-ebda azzjoni evaziva kif inqalghet l-emergenza subitaneja.

3. It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubbju li kieku l-konvenuta zammet man-naha tax-xellug dan l-incident ma kienx isehh. Fil-fatt anke l-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (Dok. CC2) jikkonferma li l-konvenuta nvadiet il-karreggjata ta' l-attur. Irid jissemma wkoll li minn fejn kienet gejja l-konvenuta, kieku kienet qeghda zzomm *proper lookout* setghet facilment tara l-vettura Escort GAL 746 ghaddejja minn fuq il-pont. Ghalkemm il-konvenuta kienet diehla f'liwja, kull min imur fuq il-post jista' facilment jikkonstata li ma kien hemm xejn x'jostakola l-vizwali tal-konvenuta li kieku kienet qeghda zzomm proper lookout kienet f'qaghda tara l-vettura ta' l-attur ferm qabel minn ftit metri l-boghod kif iddeskriviet. Il-prudenza kienet titlob li l-konvenuta tnaqqas il-velocita u zzomm man-naha tax-xellug. Dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hija wiesa' bizzejjed biex ighaddu zewg vetturi li qeghdin jinstaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin.

4. Da parti ta' l-attur it-Tribunal ma jsib l-ebda nuqqas jew xi kontributorjeta ghall-incident. Ghalkemm il-konvenuta xehdet li l-attur kien qieghed isuq b'velocita qawwija, din l-asserzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata. Il-*quantum* tad-danni reklamati huwa wkoll indikazzjoni li ma kienx hemm xi velocita qawwija.

5. B'riferenza ghad-danni reklamati, dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Awissu 2000, hu tikkundannaha thallas lill-konvenut is-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm312.44), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

---------------------------------TMIEM---------------------------------